31 ta' Ottubru, 1951.

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Antonio Catania** *versus* **Francesca Mizzi**

## Approprjazzjoni Indebita — Institur — Impjegat — Kompetenza — Art. 641 tal-Kap. 17.

*Il-Qorti tal-Kummerċ tiddeċidi wkoll dwar azzjonijiet kontra aġenti jew persuni oħra inkarikati minn kummerċjant u subalterni tiegħu, għall-operazzjonijiet biss magħmulin fil-kors ordinarju tal-kummerċ tal-prinċipal tagħhom.*

*B'applikazzjoni ta' dan id-dispost tal-liġi, il-Qorti tal-Kummerċ hija kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' azzjoni tal-prinċipal kontra l-impjegat tiegħu li jkun approprja ruħu minn merkanzija tal-prinċipal; basta li l-approprjazzjoni tkun saret fil-kors ta' l-eżerċizzju tad-dmirijiet tiegħu fl-impjeg.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur ippremetta li l-konvenuta, fil-waqt li kienet impjegata fil-ħanut ta' l-attur "Mambrinus", li qiegħed fi Britannia Street, numru 135, Valletta, approprjat ruħha indebitament u frawdolentement bi kwantità rilevanti ta' merkanzija li kienet fdata lilha għall-bejgħ, ta' l-import ta' £290. 12. 9½ (dok. A), u ddisponiet minnha, jew altrimenti ssottrahietha mill-imsemmi ħanut, biex tikkonvertiha bi profitt għaliha; u li b'dana l-mod hu sofra danni, konsistenti fin-nuqqas ta' profitt li huwa messu nkassa fuq l-ammont tal-merkanzija fuq riferita; u talab li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, il-konvenuta (1) tkun kundannata tħallsu s-somma ta' £290. 12. 9½ import tal-valur tal-merkanzija lilu minnha sottratta bil-mod fuq riferit, u (2) tkun kundannata tħallsu, in linea ta' danni, somma ta' flus li tiġi likwidata minn dina l-Qorti, korrispondenti għall-profitt lilu spettanti fuq il-bejgħ ta' l-imsemmija merkanzija; bl-imgħax kummerċjali min-notifika taċ-ċitazzjoni, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat tas-sekwestru tal-21 ta' Lulju 1951, kontra l-konvenuta, li għandha tidher għas-subizzjoni;

Trattata l-kawża fuq l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza, ikkunsidrat;

Hu paċifiku, bħala fatt, li l-konvenuta kienet inkarikata,

bħala impjegata ta' l-attur, mill-gestjoni tal-ħanut imsemmi fiċ-ċitazzjoni, u kienet tinkassa l-flus tal-bejgħ. L-attur qiegħed jippretendi li l-konvenuta approprjat ruħha indebitament minn merkanzija lilha fdata għall-bejgħ fl-imsemmi ħanut;

Issa, skond l-art. 641 Kap. 17 Ediz. Riv., il-Qorti tal-Kummerċ tiddeċidi wkoll azzjonijiet kontra agenti jew persuni oħra inkarigati minn kummerċjanti u subalterni tagħhom għall-operazzjonijiet biss magħmulin fil-kors ordinarju tal-kummerċ tal-prinċipal tagħhom";

Każ simili għal dan, fejn l-istanza kienet ukoll bażata fuq pretiża approprjazzjoni mill-impjegat, ġie deċiż mill-Qorti ta' l-Appell, fil-kawża "Balbi vs. Galdes", 24 ta' April 1893, Vol. XIII, p. 472, presjeduta minn Sir Adrian Dingli ma' l-Imħallfin Sir Salvatore Naudi u Dr. Luigi Ganado, u ġie fiha rilevat illi ċ-ċirkustanza li si trattava ta' approprjazzjoni indebita ma kienetx tneħħi l-kompetenza ta' din il-Qorti tal-Kummerċ, basta dejjem li l-konvenut ikun għamel l-approprjazzjoni fil-kors ta' l-eżekuzzjoni tad-dmirijiet tiegħu fl-impjieg, kif inhu l-każ; u ġiet affermata l-kompetenza ta' dina l-Qorti f'istanza simili;

Huwa veru li fil-liġi attwali hemm il-kliem "in the ordinary course of the business of their principal" fit-test Ingliż, u "fil-kors ordinarju tal-kummerċ tal-prinċipal tagħhom" fit-test Malti; iżda l-Imħallef sedenti ma jidhirlux li b'dawn il-kliem tiġi varjata l-interpretazzjoni awtorevolment mogħtija minn Sir Adrian Dingli fil-kawża fuq imsemmija; għaliex it-test ta' qabel, dak Taljan, art. 319 fin-numerazzjoni ta' qabel, kien igħid biss hekk, "per fatti soltanto del traffico del negoziante al quale siano addetti", u kien biss fit-traduzzjoni Ingliża ta' allura li kien hemm il-kliem "in the ordinary course of the business............" li fuqhom imbagħad sar it-test Malti. Għalhekk it-test oriġinali, "li ma ġie qatt emendat", kien dak tal-versjoni antika Taljana, u kwindi, minħabba dawk il-kliem fit-traduzzjoni Ingliża li minnhom oriġina t-test Malti, ma għandux ikun leċitu li wieħed ibiddel l-interpretazzjoni mogħtija kif fuq ingħad. Għalhekk il-Qorti hi kompetenti in bażi għad-dispożizzjoni fuq imsemmija;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza, u tafferma-

ma l-kompetenza tagħha ; bl-ispejjeż kontra l-konvenuta ;
U peress li teħtieġ in-nomina ta' perit, tinnomina lill-Avukat Dottor Antonio Caruana biex jirrelata jekk il-konvenuta ssottrahietx u ddisponietx minn xi merkanzija lilha fdata. u f'każ affermativ jillikwida l-valur ta' din il-merkanzija u d-danni li sofra l-attur.............. Ir-relazzjoni għandha tiġi preżentata mhux aktar tard mill-11 ta' Diċembru 1951 ; għal liema ġurnata tibqa' rinvijata l-kawża. Spejjeż riżervati.